III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/293/PESK

tas-26 ta' Frar 2009

dwar Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kenja dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tat-trasferiment ta' persuni suspettati li kkommettew atti ta' piraterija u li nżammu mill-Forzi Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR), u proprjetà maqbuda fil-pussess tal-EUNAVFOR, mill-EUNAVFOR lill-Kenja u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 1816 (2008) li titlob lill-Istati kollha sabiex jikkoperaw fid-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, u fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' persuni responsabbli għall-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi fil-baħar 'il barra mix-xtut tas-Somalja. Dawk id-dispożizzjonijiet ġew riaffermati bir-Riżoluzzjoni 1846 (2008) tal-KSNU, adottata fit-2 ta' Diċembru 2008.

(2) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja [1] (operazzjoni "Atalanta").

(3) L-Azzjoni Konġunta tipprevedi li persuni li kkommettew, jew li huma suspettati li kkommettew atti ta' piraterija, jew serq bl-użu tal-armi fl-ilmijiet territorjali tas-Somalja, li huma arrestati u miżmuma, bil-ħsieb tal-prosekuzzjoni tagħhom, u l-proprjetà użata sabiex jitwettqu tali atti, jistgħu jiġu trasferiti fi Stat terz li jixtieq jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq il-persuni u l-proprjetà imsemmijin hawn fuq, previst li l-kondizzjonijiet għat-trasferiment kienu nqablu ma' dak l-Istat terz b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali rilevanti, jiġifieri d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex jiġi garantit partikolarment li ħadd ma jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għal tortura jew għal kwalunkwe trattament kiefer, inuman jew degradanti.

(4) Konformement mal-Artikolu 24 tat-Trattat, il-Presidenza, megħjuna mill-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SG/RGħ), innegozjat Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kenja dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tat-trasferiment ta' persuni suspettati li kkommettew atti ta' piraterija u li nżammu mill-Forzi Navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea (EUNAVFOR), u proprjetà maqbuda fil-pussess tal-EUNAVFOR, mill-EUNAVFOR lill-Kenja u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment.

(5) L-Iskambju ta' Ittri għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Kenja, dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet tat-trasferiment ta' persuni suspettati li kkommettew atti ta' piraterija u li nżammu mill-EUNAVFOR, u proprjetà maqbuda fil-pussess tal-EUNAVFOR, mill-EUNAVFOR lill-Kenja u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment, huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Iskambju ta' Ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw l-Ittra rispettiva sabiex l-Unjoni Ewropea tintrabat.

[1] ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Frar 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
I. LANGER